Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2005

Appell Kriminali Numru. 231/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**Rose maghrufa Rosette Dimech**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Rose maghrufa Rosette Dimech talli fis-6 ta' Lulju 2004 ghall-habta tal-21:56 fi triq il-Qaliet, Marsascala:

1) waqt li kienet qed issuq il-vettura Nru. ZIP-133 fl-imsemmija triq, liema triq hija regolata b'sinjali ta' dawl tat-traffiku ta' vetturi, naqset li tieqaf meta d-dawl kien qed jixghel ahmar jew amber;
2) saqet l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata;

3) saqet l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza;
4) saqet l-imsemmija vettura b'manjiera bla kont.

Il-prosekuzzjoni talbet li l-appellata (allura imputata) tigi skwalifikata mil-licenzji kollha taghha tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-25 ta' Ottubru 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija Rose maghrufa Rosette Dimech mhux hatja u lliberatha mill-imputazzjonijiet dedotti;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fl-4 ta' Novembru 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u minflok wara li jinstemghu il-provi, issib u tiddikjara htija ta' l-istess appellata f'dawn l-akkuzi u tinfliggi l-piena skond il-ligi, inkluza l-iskwalifika temporanja tal-licenzja tas-sewqan;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni u tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-uniku aggravju ta' l-appellant Avukat Generali huwa li l-ewwel Qorti erronejament iddikjarat inammissibbli bhala prova affidavit ta' P.C. 915 Joseph Abela notifikat lill-appellata mac-citazzjoni. Jghid li anke jekk talvolta l-affidavit notifikat ma kienx jinkorpora avviz tad-drittijiet taghha, dak l-affidavit xorta wahda jibqa' validu u ammissibbli bhala prova b'xiehda tal-kontenut tieghu. Difatti, ikompli jghid l-appellant, l-artikolu 360A tal-Kap. 9 jipprovdi rimedju anke fi stadju inoltrat tal-proceduri lill-imputat li jkun irid juzufruwixxi minn xi dritt moghti lilu bl-istess ligi fl-istadju ta' meta jigi notifikat b'dak l-affidavit, u senjatament li jaghmel il-kontro-ezami ta' dik il-persuna li tkun ghamlet l-affidavit fl-ewwel lok.

Mill-atti jirrizulta li l-uniku xhud tal-prosekuzzjoni ghamel affidavit li gie notifikat mac-citazzjoni lill-appellata. Fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2004 quddiem l-ewwel Qorti, wara li dik il-Qorti kienet rat l-affidavit, il-prosekuzzjoni

ddikjarat li ma kellhiex aktar provi u l-Qorti ghaddiet ghas-sentenza fejn qalet li l-imsemmi affidavit "mhux validu stante li ma jinkorporax avviz tad-drittijiet tal-imputata".

Dan il-punt diga` gie deciz diversi drabi minn din il-Qorti. Hekk, per ezempju, fis-sentenza ta' l-1 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Jesmond Calafato**, din il-Qorti qalet hekk:

**"Desiderabbli kemm hu desiderabbli li l-imputat ikun mgharraf li jekk irid jikkontro-ezamina lill-persuna li tkun ghamlet l-affidavit - mhux semplicement jekk ikun irid jikkontesta t-tahrika - huwa ghandu jinforma b'dan b'ittra registrata lill-Kummissarju tal-Pulizija hmistax-il jum qabel id-data ta' l-ewwel seduta, imkien fil-ligi ma hemm xi obbligu li mat-tahrika u l-affidavit ghandu jkun hemm xi avviz jew twissija f'dan is-sens lill-istess imputat. Wara kollox fil-kamp penali kulhadd hu presunt li jaf il-ligi. L-Artikolu 360A(1) jipprovdi, fit-tieni proviso, li jekk jirrizulta li ma kienx possibbli ghall-imputat li jaghti l-avviz imsemmi lill-Kummissarju tal-Pulizija fi zmien hmistax-il gurnata msemmija, dak l-avviz jista' jinghata fl-ewwel seduta, u x-xhud in kwistjoni jigi mharrek u kontro-ezaminat fis-seduta ta' wara. Fi kliem iehor, fil-kaz in dizamina l-ewwel qorti ma setghetx tinjora l-affidavit u tillibera semplicement ghax il-prosekuzzjoni ma ghamlitx xi haga li ma kinitx obbligata li taghmel."**[1]

Konsegwentement fil-kaz in ezami din il-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn tiddilunga fuq dan il-punt u ghar-ragunijiet moghtija fl-imsemmija sentenzi anke l-appell odjern jimmerita li jigi milqugh. Pero`, biex ma tipprivax lill-partijiet, u specjalment lill-appellata, mill-beneficcju tad-doppju ezami, din il-Qorti mhix sejra tiddetermina l-mertu hi, izda sejra tirrinvija l-atti lill-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi:

[1] Ara wkoll Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Noel Saliba**, 10 ta' Novembru 2003; **Il-Pulizija v. Gary Fiorini**, **Il-Pulizija v. Amanda Pace**, **Il-Pulizija v. Joseph Seychell** u **Il-Pulizija v. Daniel Joseph Thornton** ilkoll decizi fl-1 ta' Ottubru 2003.

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali biex dik il-Qorti tisma' l-kawza skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------